MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Numru. 680/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Bonello)**

**vs**

**Vincent Brincat ta’ 48 sena, iben missier mhux maghruf u Dolores nee Brincat, mwieled Msida fit-28/03/57 u joqghod St George’s Flats, Flat 1, Triq l-Industrija, Qormi li Street, Msida li ghandu karta tal-identita’ bin-numru 394457(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Vincent Brincat li gie akkuzat talli fil-31 ta’ Lulju, 2005 ghall-habta tas-6.00 p.m. gewwa St Venera attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza

pubblika kontra PC 1112 George Buhagiar persuna inkarigata minn servizz pubbliku filwaqt li huwa kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;
Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi ufficjal pubbliku skond kif iccertifika Dr Patrck Farrugia MD ta' l-Isptar San Luqa;
Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubbliku b'ghajjat u glied;
Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;
Fl-ahhar talli huwa recidiv b'sentenzi moghtija fil-04/09/1995 u 17/07/1998.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li l-imputat baqgha jippersisti fuq l-ammissjoni minnu registrata u dan wara li l-Qorti tatu zmien gimgha sabiex jahseb fuq l-istess

Fuq ammissjoni ssibu hati ta' l-akkuzi dedotti u dan wara li rat l-akkuzi addebitati fl-artiklu 96, 221, 338, 49, 50 u 17 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena kkonsidrat verament l-ammissjoni bikrija tieghu, u ghalhekk minn dan ghandu jibbenefika pero' din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax il-fatt li hu recidiv u ghalhekk ma tista' qatt tapplika l-artiklu 28A tal-Kapitlu 9. Lanqas ma thoss li huwa idoneu li jigi applikat il-Kap 446 in vista ta' l-istat tal-fedina penali tieghu.

Ghaldaqstant konsiderando dak premess wara li rat l-imsemmija artikoli 96, 221, 338, 49, 50 u 17 tal-Kapitlu 9 tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba' xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------